# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Gimgha 28 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 5/2019JPG**

**Kawza Numru : 26**

**CS**

**Vs**

**AS li skont id-digriet tat-12 t'April 2019 kunjom l-intimata gie korrett ghal C**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CS, datat 7 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu civilment fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, fl-20 ta' Jannar 1995.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifla S li twieldet fil-15 ta' Dicembru 1997, u ghalhekk illum hija maggorenni.*

3. *Illi b'kuntratt pubbliku tat-8 ta' Ottubru 2012 fl-atti tan-Nutar Dr.Francesca Borg, il-partijiet isseparaw minn xulxin, li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dok. "CS1". Iz-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet gravi kontemplati fil-ligi.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-2012, huma ghandhom hajja kompletament separata minn ma' xulxin.*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-intimata AS nee' C skont il-kuntratt hawn anness bhala Dok. "CS1", u lanqas ma hemm manteniment pendenti u pagabbli ghat-trobbija ta' binthom S li llum hija maggorenni.*

6. *Illi ghalhekk ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul jinsabu pjenament sodisfatti u dana peress illi l-kuntratt ta' separzzjoni jikkostitwixxi l-ahjar prova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Ottubru 2012.*

*Ghaldaqstant l-esponent CS jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien prefiss mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 2019, fejn kunjom AS, gie korrett ghal C (vide fol 16);

Rat illi gie spjegat lil intimata d-drittijiet legali taghha izda hi sahqet illi mhix bzonn ta' assistenza legali u mhux qed topponi ghad-divorzju (vide fol 16);

Rat illi l-attur ma oggezzjonax li jhallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni(vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CS** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Jannar 1995 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-8 t'Ottubru 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Jannar 1995 (vide Dok XY fol 25 ) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Francesca Borg, datat 8 ta' Ottubru 2012 (vide Dok.CS1 fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fil-verbal tat-12 t'April 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**